# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, il-Ħamis, 16 ta' Mejju, 2019

**Kawża Numru 6**

**Rik. Nru. 534/12JRM**

Carmelo **FENECH** u b'digriet tat-18 ta' Marzu, 2013, l-atti ġew trasfużi f'isem Pawla Fenech

vs

**MALTA FREEPORT TERMINALS p.l.c.** u CMA CGM S.A.

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-29 ta' Mejju, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li l-kumpanniji mħarrka huma flimkien u solidalment responsabbli għal inċident illi ġara fl-4 ta' Awwissu, 2009 waqt il-ħin tax-xogħol fuq il-vapur *Marguerite* ġewwa l-Freeport Terminal f'Kalafrana, u f'liema inċident l-attur ġarrab ġrieħi li baqgħu ma fiqux; (b) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar periti għal dan il-għan, id-

danni minnu mġarrba fl-imsemmi inċident; u (ċ) tordna lill-kumpanniji mħarrka flimkien u solidalment, jew lil min minnhom, iħallsuh id-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż inkluż dawk tal-ittri uffiċjali tal-21 ta' Lulju, 2011 u tas-26 ta' Lulju, 2011;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-28 ta' Ġunju, 2012[1], li bih tat direttivi lill-partijiet dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-26 ta' Ġunju, 2012, li biha l-kumpannija mħarrka Malta Freeport Terminals Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "Freeport") laqgħet għall-azzjoni attriċi fil-mertu billi tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-attur innifsu, minħabba negliġenza, nuqqas ta' għaqal, traskuraġni u nuqqas ta' *proper look-out* waqt li kien qiegħed jaħdem. Għalhekk, tiċħad kull responsabbiltà għall-inċident min-naħa tagħha, u għaldaqstant tiċħad ukoll kull ħlas tad-danni mitluba;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-25 ta' Ottubru, 2012, li biha l-kumpannija mħarrka CMA CGM SA (minn issa 'l hemm imsejħa "CMA") laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni, kif ukoll li hija ma kinitx il-leġittima kontradittriċi tal-pretensjonijiet tal-attur f'din il-kawża billi dakinhar tal-inċident hija ma kinitx is-sid tal-vapur li fuqu seħħ l-allegat inċident, iżda kienet biss "*time charterer*". Fil-mertu, tiċħad kull responsabbiltà għall-inċident billi dan ma seħħx b'riżultat ta' nuqqas min-naħa tagħha;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Novembru, 2012[2], li bih ordnat li f'dak l-istadju, il-provi jkunu limitati għaż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari mqajma minn CMA;

Rat il-provi mressqa mill-partijiet bil-mezz tal-affidavit, dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tat-18 ta' Marzu, 2013[3], li bih laqgħet talba magħmula minn Paula Fenech f'rikors tagħha ta' dakinhar stess, li bih talbet li titħalla tassumi l-atti tal-kawża minflok l-attur żewġha li miet fil-mori tad-differiment;

Rat in-Nota tal-4 ta' Diċembru, 2013[4], imressqa minn CMA li biha rtirat l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni mressqa fit-Tweġiba Maħlufa tagħha;

[1] Paġ 31 tal-proċess
[2] Paġ. 106 tal-proċess
[3] Paġ. 216 tal-proċess
[4] Paġ. 230 tal-proċess

Rat l-Ordni ta' Surroga tal-20 ta' Jannar, 2014[5], maħruġa mill-Uffiċju tal-Prim Imħallef, li biha din il-kawża ġiet trasferita quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat in-Nota tas-27 ta' Jannar, 2014[6], imressqa mill-attriċi li biha ċediet l-atti tal-kawża fil-konfront tal-kumpannija mħarrka CMA, imma żammet sħaħ il-pretensjonijiet tagħha kontra l-Freeport;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Marzu, 2015[7], li biħ ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' x-xhieda fil-kontro-eżami;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem din il-Qorti quddiemha u quddiem l-Assistent Ġudizzjarju mill-partijiet;

Rat id-degriet tat-13 ta' Mejju, 2015[8] li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomisssjonjiiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fil-25 ta' Settembru, 2015[9];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-Freeport fit-2 ta' Novembru, 2015[10] bi tweġiba għal dik ta' l-attur;

Rat in-Nota ta' Riferenzi mressqa mill-attriċi fit-12 ta' Novembru, 2015[11]

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukat tal-attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara korriment fuq il-post tax-xogħol. L-attur jaħdem bħala ħaddiem tax-xatt (*registered port worker*) u nhar l-inċident

[5] Paġ. 233 tal-proċess
[6] Paġ. 234 tal-proċess
[7] Paġġ. 358 tal-proċess
[8] Paġ. 369 tal-proċess
[9] Paġġ. 386 sa 417 tal-proċess
[10] Paġġ. 419 sa 424 tal-proċess
[11] Paġġ. 427 sa 445 tal-proċess

kien qed jaħdem fuq wieħed mill-bastimenti li kien sorġut fil-Malta Freeport ġewwa Kalafrana. Huwa jgħid illi l-Freeport taħti għal dak li ġralu għaliex naqset li tara li jkun qed jaħdem f'ambjent ħieles mill-periklu, u li tissorvelja l-ambjent kif meħtieġ, biex seta jiġi evitat dan l-inċident. Billi fl-imsemmi inċident huwa ġarrab ġrieħi li ma jgħaddux, talab li l-Freeport tikkumpensah għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) u dak tal-passat (*damnum emergens*) għal dak iż-żmien li għamel ma jaħdimx minħabba l-ġrieħi tiegħu;

Illi għalkemm l-attur fetaħ il-kawża kemm kontra l-Freeport u kif ukoll l-operatur tal-bastiment li fuqu korra – CMA – huwa miet waqt is-smigħ tal-kawża u martu assumiet l-atti minfloku bħala l-werrieta universali tiegħu. Ftit żmien wara, hija ċediet l-atti tal-kawża kontra CMA;

Illi għal din l-azzjoni, Freeport laqgħet billi qalet li illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-attur innifsu, minħabba negliġenza, nuqqas ta' għaqal, traskuraġni u nuqqas ta' *proper look-out* waqt li kien qiegħed jaħdem. Għalhekk, tiċħad kull responsabbiltà għall-inċident min-naħa tagħha, u għaldaqstant tiċħad ukoll kull ħlas tad-danni mitluba;

Illi bħala fatti relevanti li joħorgu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li l-attur twieled fis-sena 1957 u li meta ġara l-inċident kellu tnejn u ħamsin (52) sena[12]. L-inċident seħħ fil-għaxija tal-4 ta' Awwissu, tal-2009, meta l-attur kien tqabbad ma' oħrajn biex isir il-ħatt ta' kontejners fuq il-bastiment "*Marguerite*". Dak iż-żmien, huwa kien jaħdem bħala '*registered port worker*'[13] u kien qed jagħti servizz lill-Freeport;

Illi dakinhar tal-inċident, l-attur jgħid li kien liebes *safety equipment* provdut mill-Malta Dockers' Union, li kien jikkonsisti f'*helmet, safety shoes, vest* u ingwanti[14];

Illi dakinhar li seħħ l-inċident l-attur kien xogħol f'Kalafrana b'xift mill-erbgħa ta' wara nofs in-nhar sa nofs il-lejl. Għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija, l-attur kien qed jaħdem, flimkien ma' Joseph Caruana[15], fuq il-vapur MV "*Marguerite*". Sid il-vapur MV "*Marguerite*" kienet il-kumpannija Middleham Castle Shipping Company Limited li daħlet f'*Time Charter Agreement* fuqu ma' CMA[16];

Illi kemm l-attur u kif ukoll Joseph Caruana tqabbdu mill-Freeport biex jagħmlu xogħol ta' *unlashing* fuq dan il-vapur, li kien jikkonsisti f'li jħollu l-irbit tal-*containers* minn ma' xulxin sabiex setgħu jinħattu minn fuq il-

[12] Ara Dok. "GC1" f'paġ. 236 tal-proċess
[13] *Ibid*.
[14] Affidavit tal-attur immarkat bhala f'paġ. 114 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Joseph Caruana f'paġ. 263 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit tal-attur f'paġ. 110 tal-proċess
[16] Affidavit ta' Derek Ali f'paġ. 131 tal-proċess

bastiment u jitnižżu l-art fit-*terminals* tal-Freeport. Dan kien jinvolvi li, filwaqt li wieħed mill-ħaddiema jibda jħoll il-'*bottlescrew*', il-ħaddiem l-ieħor iżomm il-*lashing rod* minn naħa opposta sabiex b'hekk il-'*bottlescrew*' jinħall b'anqas tbatija[17]. Il-*containers* kienu marbuta *b'lashings rods* b'mod dijagonali u kienu mgħobbija *one high*, jiġifieri wieħed waħdu, fuq in-naha tal-ġenb tal-bastiment[18]. L-attur jgħid illi hekk kif Joseph Caruana kien qed iħoll il-'*bottlescrew*'[19], billi l-ilsien tal-*lashing rod* ma kienx tal-qies addattat, il-*lashing rod* żganċat ruħha minn mat-toqba tal-kwadrant, li wassal biex l-attur tilef il-bilanċ u waqa' għoli ta' madwar żewġ metri għal ġol-passaġġ tal-vapur[20];

Illi jirriżulta wkoll illi x-xogħol ta' bil-lejl kien isir fid-dawl tal-bozoz tal-vapur[21], u l-vapur "MV *Marguerite*" kellu nuqqas ta' lqugħ għal ħaddiem li kien ikun jaħdem fuq pjattaforma[22]. Il-Freeport kien ilha taf b'dan in-nuqqas sa minn sena qabel[23], iżda qabel l-inċident tal-4 ta' Awwissu, 2009, ma ttieħdu ebda passi la minnha, u l-anqas mis-sid jew l-agent tal-vapur biex dan n-nuqqas jitranġa[24]. Jirriżulta wkoll illi l-uffiċjal tal-Freeport responsabbli mis-Saħħa u Siġurtà fil-ħin li ġara l-inċident ma kienx xogħol[25];

Illi bil-waqgħa, l-attur ġarrab kemm ksur f'saqajh kif ukoll weġġa' fl-għarqub ta' siequ x-xellugija[26], u fis-16 ta' Frar, 2011, l-attur ġie ċertifikat li ġarrab debilità li ma tgħaddix ta' ħmistax fil-mija (15%)[27], filwaqt illi fit-13 ta' Mejju, 2011, fil-fehma tal-Bord Mediku li jirrapporta lid-Dipariment tas-Sigurtà Soċjali, id-debilità tqieset ta' sitta punt wieħed ħamsa fil-mija (6.15%)[28];

Illi l-attur dam il-bogħod mix-xogħol mill-5 ta' Awwissu, 2009 sal-24 ta' April, 2011[29]. Meta reġa' daħal lura għax-xogħol, daħal f'*roster*[30] u wettaq xogħol kemm bħala sewwieq ta' vetturi, *twist locker* kif ukoll dak ta' *lashing*, iżda fl-ebda ħin ma għamel xogħol '*light duty*'[31];

Illi fit-22 ta' Lulju, 2011 u 26 ta' Lulju, 2011, l-attur talab b'ittra uffiċjali lill-Freeport u lil CMA rispettivament biex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens għad-danni mġarrbin minnu fl-inċident[32];

---

[17] Affidavit tal-attur f'paġ. 109 tal-proċess
[18] *Ibid* paġ. 111 tal-proċess
[19] Il-'*bottlescrew*' huwa biċċa tagħmir tal-ħadid li jkollu kamin kontra ieħor u meta dan jiddawwar min-nofs tiegħu fejn ikun hemm bħal speċi ta' tubu, dan jintlibes fuq il-*lashing rod* fejn hemm iċ-ċrieki u b'hekk jissikka kollox
[20] *Ibid* paġ. 113 tal-proċess
[21] *Ibid* paġ. 271 tal-proċess
[22] Ara affidavit tal-attur f'paġ. 113 tal-proċess, ix-xhieda ta' Joseph Caruana f'paġ. 275, xhieda ta' Eric Cutajar f'paġ. 287 u paġ. 292 tal-proċess u dik tal-Avukat Duncan Borġ Myatt f'paġġ. 378 – 9 tal-proċess
[23] Dok. "ECA" f'paġ. 278 tal-proċess
[24] Affidavit ta' Eric Cutajar f'paġ. 293 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "ECE" f'paġġ. 304 – 6 tal-proċess
[25] Kontro-eżami tal-Avukat Duncan Borġ Myatt f'paġ. 377 tal-proċess
[26] Dok. "JB1" f'pap. 307 tal-proċess
[27] Dok. "CF1" f'paġġ. 4 – 7 tal-proċess
[28] Dok. "JC2" f'paġ. 238 tal-proċess. Ara wkoll xhieda ta' Joseph Chircop f'paġ. 252 tal-proċess
[29] Xhieda ta' Jeffrey Busuttil f'paġ. 345 tal-proċess
[30] *Ibid* paġ. 346 tal-proċess
[31] Xhieda tal-Avukat Duncan Borġ Myatt f'paġ. 363 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "DBM1" f'paġġ. 353 – 7 tal-proċess
[32] Żewġ Ittri Uffiċjali f'paġġ. 220 – 7 tal-proċess

Fil-29 ta' Mejju, 2012, l-attur fetaħ din il-kawża. Huwa miet fit-2 ta' Jannar, 2013;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ. Ladarba l-attriċi ċediet l-atti tal-kawża kontra CMA, ma għadux meħtieġ li din il-Qorti tistħarreġ l-eċċezzjoni preliminari dwar jekk dik il-kumpannija mħarrka kinitx tabilħaqq leġittima kontradittriċi tal-azzjoni attriċi. Min-naħa l-oħra, Freeport qajmet biss eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi billi l-partijiet jixlu lil xulxin bil-ħtija ta' dak li ġara, jeħtieġ li l-Qorti tistħarreġ dwar min kien ħati tal-inċident li fih korra l-attur u dan fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imressqin mill-Freeport, partikolarment dik li tgħid li l-inċident seħħ minħabba nuqqasijiet kontributorji tal-attur u li hi m'għandha ebda ħtija għal dak li ġara;

Illi bħal f'kull każ ieħor ta' azzjoni mibnija fuq id-dannu u l-kumpens pretiż, l-ewwel stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti huwa dak dwar x'ġara tassew fl-episodju in kwestjoni u x'rabta kellu ma dak li għadda minn għalih l-attur. B'dan il-mod, tkun f'qagħda li tagħmel il-kostatazzjonijiet tagħha dwar min jaħti għal dak li ġara u min irid jagħmel tajjeb għalih. Huwa l-obbligu ta' l-attur li jġib provi tajba biżżejjed biex isostni l-każ tiegħu u l-korriment waħdu marbut max-xogħol li kien qiegħed jagħmel dak il-ħin ma jissarrafx, fih innifsu, fis-sejbien tal-ħtija ta' min kien qed iħaddmu. It-teżi waħdanija tal-attur hija li l-Freeport naqset li tħaddem sistema tajjeb u xieraq biex saħħtu ma titqiegħedx f'periklu waqt li kien qed jaħdem magħha. Huwa jgħid li korra waqt li kien qiegħed jaħdem u waqt li kien qed jagħmel dak li tqabbad jagħmel;

Illi min-naħa tagħha, il-Freeport tiddefendi l-każ tagħha fuq żewġ difiżi: l-ewwel waħda li l-inċident hu dovut lill-attur; it-tieni, li m'għandhiex ħtija għal dak li seta' ġara lill-attur. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha qanqlet il-kwestjoni li l-ħaddiema tax-xatt huma rappreżentati mill-Uffiċjal tal-Health and Safety magħżul minnhom stess u għaldaqstant ma kienx hemm il-ħtieġa ta' superviżjoni min-naħa tagħha waqt il-ħin tax-xogħol;

Illi għaldaqstant, il-Qorti sejra tibda billi tistħarreġ **il-kwestjoni tar-responsabbiltà** għal dak li wassal għall-inċident u għall-korriment tal-attur fid-dawl kemm tal-pretensjonijiet tal-istess attur u wkoll tal-imsemmija difiżi mressqa mill-Freeport;

Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li

tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha[33]. B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu[34], sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh[35];

Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa[36] u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem[37];

Illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni[38]. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi[39];

Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq[40], u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti[41] u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel[42]. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel

---

33 Art. 1031 tal-Kap 16
34 Art. 1037 tal-Kap 16
35 App. Ċiv. **28.4.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. et***
36 Art. 6(2) tal-Kap 424
37 Art. 6(3) tal-Kap 424
38 Kumm. JH **9.9.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Godfrey Borġ vs George Wells et noe*** (mhix pubblikata)
39 P.A. **10.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Fino*** (mhix pubblikata)
40 Art. 7(1) tal-Kap 424
41 Art. 7(2) tal-Kap 424
42 P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd***

manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru[43];

Illi dan kollu juri li r-responsabbiltà tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "*strict liability*"). Għalkemm hija responsabbiltà li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[44], ma titlobx grad ogħla ta' responsabbiltà, u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel[45];

Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-ambjent kollu tal-post tax-xogħol[46], jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, mhux kontestat illi l-attur kien qed jagħmel dak li ġie mqabbad li jagħmel, jiġifieri jagħmel xogħol ta' *unlashing*. Tant hu hekk li l-inċident seħħ waqt li kien qed jagħmel dan ix-xogħol, u waqt ġurnata ta' xogħol bħall-oħrajn, xejn aktar u xejn inqas bid-differenza, jgħid l-attur, li l-*container* li kien qed jaħdem fuqu kien difettuż billi l-*lashing rod* li kien qed iżommu żganċat ruħha minn mat-toqba tal-kwadrant. Bis-saħħa tar-'*recoil*' kawżat mill-iżganċament, l-attur inħakem mill-impatt u spiċċa tilef il-bilanċ u minħabba li ma kienx hemm ilqugħ xieraq u l-passaġġ fuq fejn kien wieqaf kien dejjaq, waqa' għoli ta' żewġ metri. Huwa jgħid li meta waqa' baqa' wieqaf u ħabat mal-wiċċ tal-bastiment fuq siequ u ħa skoss qawwi f'dahru, u korra f'siequ u fl-għarqub ix-xellugi[47];

Illi mill-provi ħareġ li fil-jum tal-inċident, l-attur kien liebes ilbies protettiv, anke jekk dan ma kienx provdut mill-Freeport. Il-Freeport, min-naħa tagħha, dan ma tlumux. Iżda l-iżjed element importanti li l-Qorti tqis illi għandha tagħti widen għalih minn dak li jgħid l-attur huwa l-fatt li l-vapur li fuqu kien mitlub li jaħdem, kien nieqes minn ilqugħ u li l-Freeport kienet taf b'dan in-nuqqas għaliex kien ilhom isiru lmenti mill-ħaddiema[48] u rappreżentanti tagħhom[49] għal bosta żmien u ma jidhirx li ħadet ħsieb li tindirizzah;

---

43 P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd.***
44 Art. 1032(1) tal-Kap 16
45 App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ronald vs Polibon Construction Ltd.***
46 App Ċiv. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Christian Buġeja vs Dr Gerald Montanaro Gauċi noe***
47 Ara d-Dokti "JC1"u "JB1" (li jipprovdu l-verżjoni ta' kif seħħ l-inċident) f'paġġ. 240 u 307 tal-proċess
48 Xhieda ta' Eric Cutajar f'paġġ. 286 – 9 tal-proċess
49 Ara Dokti "ECC", "ECD" u "ECE", f'paġġ. 282 – 4 u 303 – 6 tal-proċess

Illi lanqas ma jirriżulta li kien hemm persuna mqabbda mill-Freeport li kienet qiegħda tissorvelja x-xogħol u li għaldaqstant setgħet tinduna bil-periklu li l-attur kien qed jaħdem fih, jew li tipprovdi għal certi nuqqasijiet tal-ħaddiema li ta' sikwit ikollhom tendenza minħabba familjarità zejda max-xoghol, li jittraskuraw b'riskji inerenti fix-xoghol taghhom[50];

Illi min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tistax tilqa' l-argument imressaq mill-Freeport fit-Tweġiba Maħlufa tagħha li l-attur kien traskurat u li ġab b'idejh il-ħsara li ġratlu. L-argument tagħha fin-Nota ta' Sottomissjonijiet li bħala ħaddiem tax-xatt, is-saħħa u s-sigurtà kellha tiġi mħarrsa minn uffiċjal magħżul minnhom stess lanqas ma huwa ta' min jorbot fuqu u mhix difiża tajba biżżejjed biex teħles lill-Freeport mid-dmir li tipprovi lill-ħaddiema mqabbdin minnha fi ħwejjiġha b'supervizzjoni xierqa minn persuna ta' ħila, u li f'kull waqt tkun qiegħda tara li l-ambjent tax-xogħol ma jkunx tali li jwassal għal xi inċident[51];

Illi l-Qorti tqis ukoll illi l-vapur li fuqu ġara l-inċident ma kienx tal-Freeport u s-sidien jew noleġġaturi kienu jafu b'dan in-nuqqas, u filwaqt li min-naha tagħhom ma tawx każ dan in-nuqqas, min-naħa l-oħra lanqas ma jirriżulta illi l-Freeport ħarġet struzzjonjiet lill-ħaddiema biex ma jaħdmux fuqu, minkejja li kieju ilhom jitressqu lmenti dwar aspetti tas-sigurtà fil-bastiment minn bosta xhur qabel ma seħħ l-inċident tal-attur. Il-fatt illi l-'*foreman*' responsabbli mit-tqassim tax-xogħol ma kienx impjegat tal-Freeport, ladarba l-Freeport kienet taf bin-nuqqasijiet li kellu l-vapur "MV *Marguerite*", id-dmir jitlob li d-diliġenza li hija mistennija minnha bħala entità prudenti u ażjenda midħla ta' din l-għamla ta' xogħol[52] kienet li tipprovdi ambjent b'saħħtu fejn il-ħaddiema jaħdmu bl-anqas periklu għal saħħithom jew, tal-anqas, tipprovdi superviżżjoni xierqa kull ħin fin-nuqqas. Il-fatt ukoll li l-inċident seħħ fuq bastiment li kien jinsab taħt il-kontroll tal-Freeport inissel il-ħtieġa fuq il-Freeport li tara li l-ambjent kollu fejn qiegħed isir ix-xogħol kuntrattat ikun wieħed fejn il-ħaddiema jkunu mħarsa mill-periklu, ikunu jew ma jkunux impjegati diretti tagħha[53]. L-istess ħaġa tingħad dwar is-superviżjoni: kien jaqa' fuq il-Freeport li turi li, f'dak il-ħin partikolari, lill-attur kienet qiegħda ssirlu sorveljanza xierqa[54]. Il-ħtieġa ta' superviżjoni ma tistax tkun traskurata. Dan l-obbligu tas-sorveljanza huwa parti sħiħa minn dak li l-liġi tifhem bih bħala l-ambjent tax-xogħol imbiegħed mill-perikli[55]. Din ir-regola tgħodd ukoll fejn ix-xogħol mogħti lill-ħaddiem ma jkunx ġdid għalih u fejn ikun hemm il-possibiltà li r-rutina twassal lill-istess ħaddiem biex jillaxka l-attenzjoni tiegħu[56];

---

[50] App. Ċiv. **15.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells et noe***
[51] P.A. TM **19.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Farruġia vs Elbros Construction Ltd*** (mhix appellata)
[52] App. Ċiv. **24.5.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech pro et noe vs Galea*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.180**)
[53] Ara P.A. GV **5.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Renato Spiteri vs Malta Freeport Terminals Limited et*** (mhix appellata)
[54] Ara, P.A. NA **29.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ċini vs George Wells et noe***
[55] P.A. DS **23.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Fenech vs Sammy Meilaq noe*** (mhix appellata)
[56] P.A. TM **9.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Farruġia vs M.I.M.C.O.L.*** (mhix appellata)

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal għall-fehma li l-Freeport naqset milli żżomm f'kull waqt sistema tajjeb ta' ħarsien tal-ħaddiema li kienu jaħdmu magħha waqt xogħolhom, b'mod partikolari l-attur f'dan il-każ. Għaldaqstant il-Malta Freeport trid terfa' r-responsabbiltà tagħha għal dak li għadda minnu l-attur. Fl-istess waqt, tqis li Freeport ma wriet bl-ebda mod kif l-attur ġab b'idejh il-ħsara li ġarrab jew għaliex għandu jirriżulta li huwa jrid jaqsam xi parti mill-ħtija ta' dak li ġara;

Illi jmiss li l-Qorti tqis **jekk hemmx rabta kawżali bejn l-inċident u d-dannu attwalment mġarrab mill-attur,** għaliex minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li kkaġunat id-dannu attwalment mġarrab[57];

Illi fl-ewwel lok tressqu għadd ta' provi li, mill-għada li seħħ l-inċident, l-attur ma reġax lura għax-xogħol. Kien qatta' bosta ġimgħat jiddewwa sakemm reġa' b'xi mod ħa saħħtu lura u sata' jidħol lura għax-xogħol. Ma ntwera li l-attur kien ġarrab l-ebda inċident ieħor li bih sata' ndarab. Rapport tal-inċident tressaq ukoll lill-Awtorità kompetenti[58] minnufih wara li nqala' l-inċident. B'kollox, l-attur jidher li dam barra mix-xogħol għal sena u tmien xhur[59]. Matul l-2010, il-Bord mediku tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali wkoll kien għamel medda ta' żmien isegwi l-kundizzjoni tal-attur[60]. Minbarra dan, il-Qorti għandha quddiemha l-fehma ta' espert mediku *ex parte* mqabbad mill-attur li torbot il-ksur fis-sieq ix-xellugija tiegħu mal-korriment li huwa ġarrab fuq il-post tax-xogħol dakinhar tal-inċident[61]. Fil-konklużjonijiet tiegħu, l-espert jislet id-diffikultajiet illi l-attur kien mistenni li jħabbat wiċċu magħhom fil-ġejjieni, ukoll jekk kellu jerġa' lura għax-xogħol bħal qabel, u li ġġustifikaw il-perċentwali ta' diżabilità li ma tgħaddix li l-imsemmi espert qal li l-attur kellu jkun suġġett għaliha għall-bqija ta' ħajtu;

Illi l-Qorti tqis ukoll illi l-Freeport ma talbetx illi jitqabbad perit mediku maħtur mill-Qorti biex jgħarbel il-fehmiet tal-perit *ex parte* mqabbad mill-attur. Dan iwassal lill-Qorti għal fehma illi l-Freeport mhux qed tikkontesta s-sejbiet tal-espert mediku mqabbad mill-attur. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha[62], madankollu, tressaq l-argument li ladarba l-attur reġa' daħal lura għax-xogħol u ladarba x-xogħol li wettaq ma kienx xogħol ħafif ('*light duty*'), dan għandu jitfisser li huwa ma ġarrab l-ebda debilità mill-inċident li kien ġarrab fl-2009. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq dan l-argument. Fl-ewwel lok, il-provi juru li l-attur tassew ġarrab korriment u li dak il-

[57] P.A. TM **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Peter Calleja*** (mhux ppublikata)
[58] Ara Dok "JB1", f'paġ. 307 tal-proċess
[59] Xhieda ta' Jeffrey Busuttil f'paġġ. 345 – 6 tal-proċess
[60] Dok "JC2", f'paġġ. 237 – 8 tal-proċess
[61] Dok. "CF1" f'paġġ. 4 – 7 tal-proċess
[62] Paġ. 422 tal-proċess

korriment baqa' ma fieqx għal kollox. Fit-tieni lok, il-fatt li l-attur intalab u ħadem xogħol bħalma kien jaħdem qabel ma korra fl-inċident ma jfissirx li huwa ma ġarrabx id-debilità kostatata. Fit-tielet lok, dan l-argument ma jaqbilx mal-eċċezzjonijiet imqajma mill-istess Freeport;

Illi l-Qorti għalkemm mhix marbuta li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u għandha dritt li twarrbu kif setgħet twarrab kull prova oħra, mill-banda l-oħra, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li rapport magħmul minn espert fil-qasam għandu jingħata piż xieraq lill-fehma teknika tinsab fih u l-Qorti m'għandhiex tinjora dik il-prova jekk mhux għaliex ikun hemm provi oħrajn li joħolqu dubju ċar dwar is-siwi tal-fehmiet hemm espressi. Mill-atti joħroġ ċar illi l-mertu ta' din il-kawża huwa wieħed ta' natura medika li ma setax jiġi deċiz mill-Qorti mingħajr il-fehma ta' espert in materja. B'danakollu, kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, *"dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika*" [63] u li Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kinetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieg mil-lat tekniku"[64];

Illi fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, u wara li eżamint b'reqqa l-provi fil-kumpless tagħhom, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rapport tal-espert mediku *ex parte* mhux ta' min jiskartah u, fil-fatt, sejra toqgħod fuqu għall-finijiet tal-kostatazzjoni tal-ħsara li l-attur ġarrab fl-inċident mertu tal-każ u wkoll tal-perċentwali ta' debilità li huwa baqa' jġorr minħabba f'dak l-inċident;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi u sejra tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet fil-mertu tal-Freeport bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-likwidazzjoni tad-danni** li l-attur ġarrab u tal-kumpens li jistħoqqlu jiġbor, jibda biex jingħad li mill-provi mressqa, l-attur qiegħed jitlob kumpens għat-telf kemm ma dam ma jaħdimx (*damnum emergens*) kif ukoll għat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*);

Illi f'dak li jirrigwarda l-*lucrum cessans*, il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq li tgħid li fit-tfassil tal-aċċertament tad-dannu pretiż, hija trid timxi ma' dak li tispeċifika l-liġi. F'dan il-każ, il-kriterji jissemmew fl-artikolu 1045 tal-

[63] App. Ċiv. **19.11.2001** fil-kawża fl-ismijet ***Joseph Calleja noe vs John Mifsud***
[64] App Ċiv. **12.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Jean Carlo Fino et vs Joseph Vella et*** u r-referenzi hemm imsemmija

Kodiċi Ċivili. Fil-każ li għandha quddiemha, dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ;

Illi l-kliem "inkapaċita għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "*f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv*"[65];

Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-principju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn[66];

Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem". Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li tħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*"[67];

Illi din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali;

Illi l-Qorti tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċizjonjiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża[68]. Iżda l-kriteru tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull

---

[65] P.A. PS **30.1.2008** fil-kawża fl-isimijiet ***Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et*** (mhix appellata)
[66] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Debono vs Andrew Vaswani*** (mhix appellata)
[67] Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64
[68] App. Ċiv. **30.11.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.500**)

korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha[69];

Illi ħaġa oħra hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment[70]. Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-*multiplier* jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn[71]. Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal;

Illi f'dan il-każ hemm ċirkostanza oħra li l-Qorti ma tistax twarrab fil-kejl tagħha tal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-attur. L-attur miet fil-bidu tal-2013 meta kien għad għandu ħamsa u ħamsin (55) sena u madwar erba' (4) snin wara l-inċident. Ma ntwera bl-ebda mod li l-mewt tiegħu kienet marbuta mal-korriment li ġarrab fl-inċident jew li ġrat minħabba f'dak l-inċident. Jidher li l-mewt tiegħu kienet minħabba kawżi naturali;

Illi dakinhar li seħħ l-inċident, l-attur kellu tnejn u ħamsin (52) sena. L-aħħar dħul tiegħu skond l-FS3 relattiva għas-sena 2009 kien dak ta' €40,654 gross għal perjodu bejn 1 ta' Jannar u l-4 ta' Awissu, 2009. Dan l-ammont kien jgħodd fih is-somma ta' €7,907 bħala taxxa, u €3362.32 bħala kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali. Għaldaqstant, l-ammont nett huwa dak ta' €29,384.68c. B'mod proporzjonali, li kieku l-attur ħadem sal-aħħar tas-sena 2009, bejn il-5 ta' Awissu, 2009 u il-31 ta' Diċembru, 2009, id-dħul tiegħu gross kien ikun ta' €20,327, li fih is-somma ta' €5634.66 bejn taxxa u kontribuzzjonjiiet ta' sigurtà soċjali. Għaldaqstant l-ammont nett huwa ta' €14,962.34c, li miżjud mas-somma net ta' €29,384.60c, jwassal għad-dħul nett ta' €44,347.02 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru, 2009. Minħabba ċ-ċirkostanzi li ssemmew fil-paragrafu ta' qabel dan, il-Qorti sejra tqis din is-somma bħala l-moltiplikand, bla ma tagħmel żidiet;

---

69 App. Ċiv. **7.7.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Carbone noe*** (Kollez, Vol: **LXXXII.ii.242**)
70 P.A. JSP **31.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna*** (mhux appellata)
71 Kemp *op cit*. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73

Illi għar-raġunijiet mtennija aktar qabel, il-Qorti sejra toqgħod fuq il-fehma tal-espert mediku *ex parte*, u għaldaqstant ser tqis illi l-attur għandu debilità li ma tgħaddix ta' ħmistax fil-mija (15%);

Illi dwar l-għadd tas-snin li l-Qorti għandha tadotta minħabba t-telf ta' dħul għall-ġejjieni, marbuta mal-fattur ta' kemm kellu żmien l-attur dak in-nhar tal-inċident, il-Qorti sejra tadotta *multiplier* ta' tliet (3) snin, billi dan ma jistax ikun itwal miż-żmien li l-attur baqa' ħaj sa wara l-inċident[72];

Illi għal dak li jirrigward t-tnaqqis li s-soltu jsir mis-somma likwidata għaliex ikun se jsir ħlas f'daqqa (dak li jissejjaħ "*lump sum payment*"), iż-żmien jibda jitqies minn meta tinfetaħ il-kawża u mhux minn dak inhar tal-inċident[73]. Il-Qorti jidhrilha illi ma kienx hemm telf ta' żmien mill-attur. F'dan il-każ, il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa xieraq li jsir tnaqqis għaliex it-tul li ħadet il-kawża biex tasal għal għeluq tagħha ma jaħtix għalih l-attur[74];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissu jitħallas l-attur bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni ('*lucrum cessans*') fis-somma ta' dsatax-il elf disa' mija u sitta u ħamsin euro u sittax-il ċenteżmi (€19,956.16)[75];

Illi għal dak li jirrigwarda d-***damnum emergens***, l-attur jistrieħ fuq provi dokumentali mressqa mill-Manager tal-Iskema tal-Ħaddiema tal-Port minn fejn jirriżulta illi tul iz-zmien li dam ma jistax jidħol lura għax-xogħol sakemm kien qiegħed ifiq, l-attur tilef l-ammont gross ta' mija u sitt elef, tmien mija wieħed u disgħin ewro, u sittin ċenteżmu (€ 106,891.60)[76]. Il-Qorti ma tistax taqbel mal-attur, madankollu, u taqbad u tgħodd dik is-somma kollha bħallikieku kienet id-dħul likwidabbli lill-attur bħala telf diġà mġarrab maqtugħ mill-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel dwar it-telf għall-ġejjieni;

Illi għaldaqstant il-Qorti sejra tqis dik is-somma, imma minnha tnaqqas x'kien iħallas l-attur bħala taxxa tad-dħul u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà spċjali. Għalhekk, wara li jittieħdu dawn l-aspetti in konsiderazzjoni, l-ammont nett li jifdal jitla' għal €68,212.60c[77]. Minn din is-somma jrid jitnaqqas id-dħul bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-24 ta' April, 2011 billi dan l-ammont ġie meqjus meta l-Qorti ħadmet l-ammont dovut bħala *lucrum cessans* u jekk kemm-il darba ma jitnaqqasx, l-attur ikun ġie kumpensat darbtejn għall-istess żmien.

---

[72] P.A. LFS **18.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Emeline Cini vs Antione Cachia*** (mhix appellata)
[73] App. Ċiv. **27.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Annuzjata Caruana vs Odette Camilleri***
[74] P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-isimijiet ***Yvonne Cassone pro et noe vs Alfred Calamatta et noe***
[75] € 44,347.02 x 0.15 x 3 = € 19,956.16
[76] Ara xhieda ta' George Ċiantar f'paġġ. 248-250 tal-proċess, kif ukoll id-Dok. "GC1" f'paġ. 236 tal-proċess.
[77] Dan l-ammont inħadem b'mod proporzjonali meħud kont ta' kemm l-attur ħallas taxxa u kontribuzzjoni ta' sigurtà soċjali fis-sena 2009 fuq dak li jidher fuq Dok. "FSB" f'paġ. 127 tal-proċess meta mqabbla ma' dħul gross ta' €133.125.91 kif jirriżulta minn Dok. "GC1" f'paġ. 236 tal-proċess

Dan iwassal biex l-ammont gross li l-attur tilef bħala dħul bejn l-5 ta' Awwissu, 2009 u l-31 ta' Diċembru, 2009, li huwa ta' €20,327[78], iżda wara t-tnaqqis ta' taxxa u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali[79] jwassal għal ammont nett ta' erbatax-il elf, sitt mija u tnejn u disgħin euro u erbgħa u tletin ċenteżmi (€14,692.34);

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmissha titħallas l-attriċi bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni ('*lucrum cessans*') fis-somma ta' €19,956.16, filwaqt li tillikwida fis-somma ta' €14,692.34 d-danni diġà mġarrba ('*damnum emergens*'). B'kollox il-kumpens likwidat jitla' għal erbgħa u tletin elf sitt mija u tmienja u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 34,648.50)[80]. Il-Qorti tqis li l-atturi ma talbux l-imgħaxijiet f'din il-kawża;

Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet attriċi, u għall-istess raġunijiet il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-Freeport għaliex mhijiex mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis it-talbiet attriċi** fir-rigward tal-kumpannija mħarrka CMA CGM S.A. minħabba li l-atturi ċedew il-kawża fil-konfront tagħha;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija mħarrka Malta Freeport Terminals Limited waħedha taħti għall-ġrieħi li ġarrab l-attur fl-inċident li seħħ waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu magħha fil-4 ta' Awwissu, 2009, u għad-debilità li ma tgħaddix li l-attur kien jbati minnha minħabba dawk il-ġrieħi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrbin mill-attur fis-somma ta' erbgħa u tletin elf sitt mija u tmienja u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 34,648.50);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka Malta Freeport Terminals Limited tħallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' erbgħa u tletin elf sitt mija u tmienja u erbgħin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 34,648.50);

---

78 €5081.75 x 4 xhur

79 €5,634.66

80 € 19,956.16 + € 14,692.34 = €34,648.50

**Ticħad l-eċċezzjonijiet** tal-imsemmija kumpannija mħarrka billi ma humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-istess kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż tal-kawża,** minbarra dawk marbuta mal-kumpannija l-oħra mħarrka.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**16 ta' Mejju, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**16 ta' Mejju, 2019**